MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Numru. 191/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Omissis 1**
**Omissis 2**
**Omissis 3**

Kumpilazzjoni Numru: 191/2009

**Illum, 9 ta’ Mejju 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

*Omissis 1;*

*Omissis 2*;

u

*Omissis 3*

Akkuzati talli nhar it-12 ta’ Jannar 2009, bejn nofs il-lejl u it-3:00 ta’ fil-ghodu minn gewwa ir-residenza bin-numru 10, Triq il-Ponta, Isla ikkommettew serq ta’ diversi affarijiet liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix 2,329.37 Euro (elfejn, tlitt mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu), bil-lok, bil-mezz u bil-hin ghad dannu ta’ Terence Lofreda u Leandro Lofreda

Lill *Omissis 1* wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta’ zewg sentenzi sospizi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Vella LLD datata 29 ta’ Lulju 2008 u Magistrat Dr. Laurence Quintano LLD datata 22 ta’ Ottubru 2007 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu:

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Antonio Vella LL.D, datata 29 ta’ Lulju 2008,u Magistrat Dr. Laurence Quintano LLD datata 22 ta’ Ottubru 2007 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 tal-ligijiet ta’ Malta imposti fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Vella LLD datata 29 ta’ Lulju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija titratta mal-imputati *Omissis 2* u *Omissis 3* bhala ricedivi billi kisru il-provedimenti ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, fejn gew illiberati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat l-artikoli 37, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi din il-kawza titratta kaz ta’ serq li allegatament kienu involuti fih tlett persuni: l-imputat u zewg minorenni ohra u cioe Omissis 1 u Omissis 2 . Dawn l-ahhar tnejn ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra kull wiehed minnhom u nghatat sentenza fil-konfront taghhom minn din il-Qorti kif presjeduta.

Illi bhala provi fil-kawza kontra l-imputat odjern xehdu l-ufficjal prosekutur u s-surgent li mexxa l-investigazzjoni f’l-istadji nizjali ta’ dan il-kaz; taw id-depozizzjoni taghhom ukoll l-imsemmija Omissis 1 u Omissis 2 . L-imputat ma xehedx imma rrilaxxja stqarrija li giet esebieta. Ta’ min wiehed jirrileva li d-derubat ma xehedx.

Illi ghandu jinghad ab inizio li l-imputat odjern fil-waqt li jammetti li kien ma’ Omissis 1 u Omissis 2 cahad l-involviment fil-kaz in ezami fis-sens li huwa jghid li ghalkemm dahal maghom fil-fond in ezami hu ma ha xejn u ma kienx jaf li t-tnejn l-ohra kellhom xi intenzjoni li jisirqu.

Illi fil-verita mid-depozizzjoni ta’ Omissis 1 u Omissis 2 jirrizulta l-istess kwadru ta’ fatti u cioe li kienu t-tlieta flimkien meta dahlu fil-fond ta’ Terrence Lofreda (ic-cavetta kienet fil-bieb) pero l-imputat ma ha xejn. In oltre dawn iz-zewg xhieda ikkonfermaw ukoll li huma ma qalu xejn dwar serq meta iddecidew li jidhlu hemm u li kien

biss wara li dahlu li huma t-tnejn iddecidew li jiehdu xi affarijiet.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li hemm xi kunflitti f'dak li jghidu dawn iz-zewg xhieda minn naha u dak li jghid l-imputat f'l-istqarrija tieghu min-naha l-ohra dwar min telaq ma' min u x'gara meta hargu minn hemm. Fil-fehma tal-Qorti dan il-kunflitt huwa naxxenti mix-xewqa ta' Omissis 1 u Omissis 2 li jassiguraw ruhhom li l-imputat ma jigiex implikat f'dan ir-reat u jista' jimpingi fuq il-kredibilita taghhom bhala xhieda u dwar kemm jistghu jinghataw affidabilita f'l-affarijijet l-ohra li qalu.

Illi pero, u minkejja l-kwistjoni tal-kredibilita ta' dawn ix-xewg xhieda, hemm fattur iehor li fil-fehma tal-Qorti huwa determinanti ghall-kaz in ezami u cioe n-nuqqas tad-derubat bhala xhud f'dawn il-proceduri. Fin-nuqqas tad-depozizzjoni tad-derubat m'hemmx l-ahjar prova tal-fatt tas-serq u ta' x'insteraq. Fin-nuqqas ta' din il-prova, tenut kont tac-cahda ta' l-imputat li huwa ha xi haga mill-fond propjeta ta' Lofreda, u fid-dawl tal-kumpless kollu tal-provi, il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxielex tipprova fil-grad rikjest mill-Ligi r-reita ta'l-imputat.

Ghal dawm il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Omissis 3 hati ta' l-imputazzjonijiet mgjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Il-Qorti, peress li l-imputat huwa minorenni, tordna li ismu ma jixxandar f'l-ebda mezz ta' stampa u /jew kommunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------